# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

### ILLUM, 12 TA' MEJJU 2022

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 298/2022/1**

**Fl-ismijiet:-**

**Carmen Paris fil-vesti tagħha ta' mandatarja speċjali**
**tal-assenti Frank Aquilina u Michael Aquilina**

**Vs**

**Yvonne Aquilina**

**Il-Qorti,**

Dan huwa digriet finali dwar talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-**artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Introduzzjoni**

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2022 ir-rikorrenti nomine Carmen Paris għan-nom tal-assenti Frank Aquilina u Michael Aquilina qed titlob, għar-raġunijiet hemm mogħtija, illi l-Qorti iżżomm lill-intimata Yvonne Aquilina milli tbiegħ, tneħħi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari il-maisonette internament markat bin-numru 8 li jinsab fil-livell indikat bħala 0, aċċessibbli minn passaġġ privat li jista' jiġi aċċessat sew minn Triq Ġużeppi Penza kif ukoll minn Triq il-Kanonku Gwann Borġ, Ta Ċawla Court, f'Ħal Luqa.

B'digriet tat-2 ta' Marzu 2022 il-Qorti laqgħet provvizorjament it-talba għall-ħruġ tal-mandat mitlub u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-14 ta' Marzu 2022.

L-intimata ġiet notifikata bil-mezz tal-affissjoni fil-21 ta' April 2022 u ppreżentat risposta fis-26 ta' April 2022 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għar-rikors imsemmi.

Semgħat lill-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' April 2022 u r-rikors tħalla għal digriet kamerali.

Ikkonsidrat;

**Ir-Rikors Promotur**.

Ir-rikorrenti jippremettu li qed jippreżentaw ir-rikors promotur bħala "ulied" Manwel sive Leli Aquilina li miet fit-18 ta' Settembru 2021.

Jippremettu illi in forza ta' kuntratt ta' donazzjoni ippubblikat fl-4 ta' Jannar 2017 missierhom Manwel Aquilina kien ittrasferixxa lill-intimata Yvonne

Aquilina il-maisonette ġewwa Ħal Luqa fuq imsemmi taħt numru ta' kondizzjonijiet fosthom li huwa jibqa' jgħix f'dan il-maisonette *vita durante* u li l-intimata tibqa' tieħu ħsiebu u ddur bih.

Jallegaw ir-rikorrenti illi ftit taż-żmien wara l-kuntratt ta' donazzjoni l-intimata ġiegħlet lil Manuel Aquilina jivvaka mill-fond u jmur jgħix fid-dar tal-anzjani San Vinċenż de Paule għalkemm kien għadu fi stat tajjeb ta' saħħa u għalkemm kien ipprotesta magħha sabiex jibqa' jgħix fil-fond de quo. Jallegaw li Manuel Aquilina kien anke għamel rapport mal-Pulizija dwar dan kif ukoll li kien ippreżenta att ġudizzjarju datat 20 ta' Marzu 2021.

Ir-rikorrenti għalhekk jippremettu illi l-intimata induċiet lil Manuel Aquilina jersaq għall-kuntratt ta' donazzjoni b'egħmiel doluż u b'inganni u li kontestwalment mal-preżentata tar-rikors li qiegħed hawn jiġi deċiż, huma ppreżentaw ukoll kontra l-intimata kawża jitolbu ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi.

Għalhekk qed jitolbu li pendenti l-eżitu finali tal-kawża imsemmija l-intimata tiġi inibita milli tiddisponi mill-fond immobiljari lilha donat mertu ta' dan il-mandat.

Fir-risposta tagħha tas-26 ta' April 2022 l-intimata tirribatti t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni mitlub għar-raġunijiet segwenti minnha eċċepiti:

1. Ir-rikorrenti ma urewx li *prima facie* għandhom il-jeddijiet minnhom pretiżi;

2. Ir-rikorrenti ma urewx illi l-mandat minnhom mitlub huwa meħtieġ sabiex jitħarrsu l-jeddijiet minnhom pretiżi;

3. Il-jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni huwa mogħti lill-werrieta u r-rikorrenti ma resqu l-ebda prova li huma werrieta tad-defunt.

4. Lanqas il-prova li huma ulied id-defunt ma tressqet.

5. Ir-rikorrenti m'għandhomx il-jedd li jitolbu ir-rexxissjoni ta' kuntratt li ma kienux parti għal dak il-kuntratt.

6. Ir-rikorrenti ma urewx lanqas li ser isofru preġudizzju irrimedjabbli ai termini tal-artikolu 873 (2) tal-Kap 12 jekk l-intimata tiddisponi mill-fond de quo.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**L-Elementi Meħtieġa għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.**

Sabiex jinħareg dan it-tip ta' mandat jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti issib li ġew sodisfatti r-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi, speċifikament dawk indikati taħt l-**Artikolu 873 tal-Kap. 12** li jipprovdi:

**"1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.**

**2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."**

Jeħtieġ għalhekk li jigu sodisfatti żewg rekwiżiti prinċipali sabiex rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni:

(a) irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li jippretendi li għandu, u

(b) jkun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.

**Fumus Boni Iuris; Periculum in Mora**.

F'sistemi legali diversi, inkluz dik nostrana, talbiet għall-ordnijiet bħax-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu akkolti jekk jirriżulta fi proċedura sommarja "a credible claim", l-hekk imsejjaħ "fumus boni iuris". Il-**Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem** f'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 fl-ismiijet **"Maria Carmela Maniscalco vs l-Italja"**[1]**,** liema sentenza kienet titratta ordni kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Taljan, iddefinit il-frażi "fumus boni iuris" bħala "presumption of sufficient legal basis".

Il-liġi tagħna tuża l-frażi "jidher, mad-daqqa t'għajn". Bil-kliem "mad-daqqa t'għajn" wieħed jifhem illi l-ġudikant hu tenut li jqis dak li jirriżulta *prima facie* u mhux wara xi indaġini approfondita bħalma jsir matul kawża fil-mertu. Filwaqt li l-frażi "jidher" għandha tinftiehem illi l-jedd pretiż, għalkemm mhux ċert li hu fondat, għandu almenu jitqies li għandu l-

[1] Applikazzjoni nru. 19440/10

potenzjal li jiġi rikonoxxut f'kawża fil-mertu, a kuntrarju ta' ċirkostanza fejn mad-daqqa t'għajn tali pretensjoni tidher mill-ewwel li ma hiex fondata.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependiex mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd pretiż.

Intqal ukoll illi "… l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal

dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

…

l-liġi tħares il-"jedd" prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;"("**Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20) PA - 25.09.2020);

Ġie ritenut ukoll illi "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." [Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008].

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oggettivi tal-ligi.

**Mhux biżżejjed li r-rikorrent juri li prima facie għandu l-jeddijiet minnu pretiżi izda wkoll li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet; l-hekk imsejjah "periculum in mora". Fi kliem ieħor jeħtieġ li r-rikorrent juri wkoll illi:**

**1. Dik il-ħaġa li r-rikorrent qed jitlob li tinżamm milli ssir "tista' tkun ta' preġudizzju" għalih; u**

**2. Li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent.**

Il-kelma "tista'" turi illi r-rikorrent ma jeħtiġlux jipprova b'ċertezza li ser isofri preġudizzju. Il-prova sal-livell ta' possibilta' hija suffiċjenti fl-istadju ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani illi jekk in-nuqqas lamentat fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jista' fil-futur jiġi rimedjat u/jew jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes wieħed mill-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat (are per eżempju Odette Tonna et v. Awtorità tal-Artijiet - Prima' Awla - 19/07/2018)).**

**Din il-Qorti kif presjeduta ma hiex tal-istess fehma tenut kont illi l-artikolu applikabbli għall-mandat ta' inibizzjoni imkien ma jipprovdi illi mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinħareġ jekk il-preġudizzju li r-rikorrent ikun qed jitlob li jinżamm milli jseħħ għandu jitħalla jseħħ jekk tali preġudizzju jista' fil-futur jiġi radriżżat b'deċiżżjoni tal-Qorti.**

**Fil-fehma tal-Qorti Artikolu 873 ma kienx intiż sabiex jeddijiet li *prima facie* jirriżultaw li jeħtieġu kawtela jitħallew jiġu preġudikati sempliċement għaliex fil-futur il-preġudizzju jista' jiġi indirizzat u rimedjat permezz ta' proċeduri ġudizzjarji futuri.**

Ikkonsidrat;

**Il-Jeddijiet Pretiżi mir-Rikorrenti.**

Permezz tar-rikors hawn deċiż ir-rikorrenti qed jitolbu l-ħruġ ta' mandat sabiex l-intimata tiġi miżmuma milli tiddisponi minn immobbli ġewwa Ħal Luqa li fl-4 ta' Jannar 2017 kienet irċeviet b'donazzjoni mingħand missier ir-rikorrenti li miet fit-18 ta' Settembru 2021.

Ir-rikorrenti jiddikjaraw fir-rikors promotur illi qed jadixxu lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħala "ulied" l-imsemmi donatur Manuel Aquilina.

Għalkemm huma minnu kif issottomettiet l-intimata li r-rikorrenti ma resqu l-ebda prova li huma ulied id-defunt, il-Qorti tqis illi għall-finijiet ta' dan ir-rikors id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Carmen Pulis li l-aħwa Aquilina residenti l-Awstralja huma ulied id-defunt Manuel Aquilina kif ukoll il-konnotati tal-assenti Michael u Frank aħwa Aquilina fuq il-prokura datata 23 ta' Diċembru 2021[2] huma suffiċjenti għall-finijiet ta' din il-proċedura sabiex jitqies li l-assenti huma ulied id-defunt.

**Minn qari tar-rikors promotur huwa mill-aktar evidenti illi l-assenti rikorrenti qed jadixxu lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhux bħala werrieta tad-defunt missierhom iżda biss bħala uliedu. Fil-fatt imkien ma jallegaw li huma werrieta ta' missierhom u wisq anqas iresqu prova fir-rigward.**

<u>**Artikolu 1225 tal-Kapitolu 16**</u> **tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:**

**Il-jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni jgħaddi fil-werrieta:**

[2] Paġna 21 tal-proċess

> **Iżda dawn ma jistgħux jeżerċitaw dan il-jedd ħlief fiż-żmien li kien fadlilhom dawk li mingħandhom ġejjin il-jeddijiet tagħhom, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-ksurj ew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni.**

**Fil-fehma tal-Qorti kien doveruż fuq ir-rikorrenti illi sabiex juru għall-finijiet ta' dan ir-rikors li huma għandhom *prima facie* jedd x'jikkawtelaw bil-mandat mitlub li jressqu il-prova sal-livell ta' prima facie li huma l-werrieta preżunti ta' missierhom.**

Missierhom miet fit-18 ta' Settembru 2021 filwaqt li r-rikors promotur ġie intavolat fit-2 ta' Marzu 2022, kważi sitt xhur wara. Żmien suffiċjenti sabiex issir ir-riċerka testamentarja relativa li ta' lanqas turi jekk id-defunt ħalliex testment warajh jew inkella jekk mietx intestat. Il-prova li inti wild tad-defunt ma hiex prima facie prova li inti wkoll l-eredi tad-defunt. Ir-rikorrenti nomine fl-ebda mument ma allegat li kellha xi diffikulta' sabiex tordna r-riċerki testamentarji jew li kellha xi diffikulta' sabiex jekk irriżulta testment tordna kopja tiegħu.

Prova li d-defunt miet intestat kienet tkun suffiċjenti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri sabiex fuq livell ta' *prima faċie* jiġi muri illi r-rikorrenti huma l-preżunti werrieta tad-defunt anke jekk l-apertura tas-suċċessjoni ma tkunx għadha ġiet kompletata.

Jista' jingħad illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti naqsu milli juru għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi huma *prima facie* werrieta tad-defunt u li qua werrieta għandhom il-jedd *prima facie* minnhom pretiz.

Nieqes dan ir-rekwiżit *sine qua non* ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 it-talba tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi.

Mankanti l-ewwel rekwiżit, mhux meħtieġ li jiġi wkoll indagat it-tieni rekwiżit illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarrsu l-jeddijiet pretiżi.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tipprovdi kif ġej:

1. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-2 ta' Marzu 2022 safejn laqa' provviżorjament it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;

2. Tiċħad ir-rikors tat-2 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu ir-rikorrenti nomine talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti nomine.

**Mogħti kameralment illum 12 ta' Mejju 2022.**

**Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LL.D.**